MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Numru. 132/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**YOUSSEF BATAL**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **YOUSSEF BATAL,** ta’ 18-il sena, iben Zuher u Gihan, imwieled Edeleb, Syria, imwieled fl-1 ta’ Jannar 1996, u residenti f’Hangar Centru Miftuh, Hal Far u detentur bin-numru tal-pulizija tal-Immigrazzjoni 13V-089 gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f’Novembru 2013 kif ukoll fiz-zmien ta’ qabel, f’Malta, minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-

informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq u mehtieg;

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi kiser liberta' kundizzjonata moghtija mill-Qrati ta' Malta, sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Antonio Vella LLD. Fid-9 ta' Novembru 2013, meta l-istess sentenza kienet ghadha fl-istadju operattiv taghha.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom *personal details form* u l-fedina penali tal-imputat, kunsens tal-Avukat Generali, kopja ta' okkorrenza, kopja ta' Laissez-Passer mahrug mill-Isvezja, kopja ta' email u stqarrija.

Semghet l-imputat jiddikjara li huwa indigenti u ghalhekk il-Qorti nnominat lil Dr Cedric Mifsud sabiex jassisti lill-imputat u lil Houto Nazmi Khalil sabiex jassisti lill-imputat bhala interpretu.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-hamsa (5) ta' Frar 2014 u dana fil-presenza tal-avukat tal-ghajnuna legali Dr Cedric Mifsud u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-hamsa (5) ta' Frar 2014.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tattira l-attenzjoni tal-Qorti li l-imputat kien minuri meta wettaq ir-reat u ghaldaqstant tapplika riduzzjoni fil-piena.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat YOUSSEF BATAL hati tal-akkuzi kif moghtija**

**mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tieghu u tikkundannah piena karcerarja ta’ xahar effettivi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------